*ir-rwol tal-Arbitru fi proċeduri bħal dawk istitwiti mill-appellata, huwa li jiddeċiedi dwar il-każ li jkollu quddiemu abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 –f'każ li xi individwu jidhirlu li l-mod kif jitmexxew dawk il-proċeduri jew l-investigazzjoni li ssir mill-Ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu, hemm fora appositi li quddiemhom jistgħu jitressqu dawn il-lanjanzi. Ċertament li mhux kompitu tal-Arbitru li jidħol f'materji bħal dawn –ir-rwol tal-Arbitru huwa biss li jeżmina jekk id-Direttur Ġenerali appellant mexiex mad-dettam tal-liġi meta ddeċieda li l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi l-appellata, kellha tieqaf ladarba ġie stabbilit li hija kellha impjieg bi qligħ*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 27/2020 LM

**Justine Muscat (K.I. 286977M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tal-15 ta' Ottubru, 2020 (minn issa 'l

quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddikjara li huwa ma jikkondividix fil-konklużjoni raġġunta mid-Direttur Ġenerali intimat li r-rikorrenti **Justine Muscat (K.I. 286977M)**, (minn issa 'l quddiem "l-appellata"), kienet f'impjieg bi qligħ għall-perijodu bejn is-6 ta' Settembru, 2014 u t-18 ta' Ottubru, 2019, u għalhekk annulla u kkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tal-11 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha r-rikorrenti ntalbet tirrifondi l-ammont ta' €31,809.20 li hija tħallset żejjed fil-perijodu li fih instab li hija kienet qiegħda taħdem.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra datata 11 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrenti ġiet infurmata li nstab li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €31,809.20 f'Għajnuna Soċjali (SUP) għall-perijodu mis-6 ta' Settembru, 2014 sat-18 ta' Ottubru, 2019, għaliex f'dak iż-żmien hija kienet impjegata. Ir-rikorrenti appellat minn dik id-deċiżjoni permezz ta' appell quddiem l-Arbitru.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti għamlet riferiment għal spezzjoni li kienet saret fid-dar tagħha minn uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u qalet li hija kienet instabet id-dar u mhux fuq xi lant tax-xogħol. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat li jwaqqfilha l-Għajnuna Soċjali, ittieħedet abbażi ta' allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha minn terzi anonimi, u għalhekk talbet

lill-Arbitru jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha mid-Direttur Ġenerali intimat.

4. Fl-atti tal-appell numru 26/2020, id-Direttur Ġenerali intimat ippreżenta kopja tar-rapport investigattiv li sar mid-Dipartiment fil-konfront tar-rikorrenti, minn fejn jirriżulta li l-każ tagħha nfetaħ għall-investigazzjoni wara telefonata anonima li daħlet fid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, fejn kien rappurtat li r-rikorrenti kellha impjieg bi qligħ. F'din it-telefonata ntqal li r-rikorrenti kienet qiegħda taħdem bħala *delivery person* f'għadd ta' *supermarkets,* u ssemmew is-*supermarkets* li allegatament hija kienet qiegħda taħdem fihom. Irriżulta li r-rikorrenti dak iż-żmien kienet tirċievi Għajnuna Soċjali, *Allowance* tat-tfal, u l-Benefiċċju tal-Enerġija, u skont *records* uffiċjali hija ħadmet l-aħħar fuq bażi *full-time* fil-15 t'Awwissu, 2014. F'dan ir-rapport ġie spjegat li kienet saret żjara ġewwa l-*Head Office* ta' Scotts Supermarket, fejn ċertu Joseph Grech kien informa lill-Ispetturi tad-Direttorat li ma kellu lil ħadd bl-isem ta' Justine Muscat impjegat miegħu. Żjara oħra kienet saret ġewwa Smart Supermarket, għall-istess raġunijiet. Joseph Grech bagħat ukoll *email* lid-Direttur Ġenerali intimat, fejn qallu li kien staqsa jekk kienx hemm xi *delivery person* jew *merchandiser* bl-isem ta' Justine Muscat li tqassam ix-xogħol fl-istabbilimenti tagħhom, imma ħadd ma kien jaf persuna b'dan l-isem. Spezzjoni simili saret fl-uffiċċji tas-*supermarkets* PAMA/PAVI, imma l-informazzjoni li ngħataw l-uffiċjali tad-Dipartiment intimat kienet li ma kien hemm l-ebda persuna bl-isem ta' Justine Muscat taħdem hemm. Jirriżulta li sussegwentement saret żjara mill-uffiċjali tad-Dipartiment fir-residenza tar-rikorrenti, u hija ċaħdet li kienet qiegħda taħdem bħala *delivery person* fis-

*supermarkets.* Minn dan ir-rapport jirriżulta wkoll li r-rikorrenti dawret lill-Ispetturi tad-Dipartiment mar-residenza tagħha, u ġie stabbilit li fid-dar tagħha hija ma kellha l-ebda prodotti lesti biex jitqassmu. Kien għalhekk li r-rikorrenti ntalbet tagħmel dikjarazzjoni ġuramentata fejn tikkonferma li hija ma kinitx qiegħda taħdem bi qligħ, u hija wieġbet li ma kellha l-ebda problema tagħmel dan. Ir-rapport jgħid ukoll li fl-10 ta' Settembru, 2019, kien hemm korrispondenza ma' waħda mid-diretturi ta' Smart Supermarket, li infurmat lid-Direttur Ġenerali intimat li kien hemm persuna bl-isem ta' 'Justine Muscat' li kienet tmur tarma l-ixkafef fil-ħanut għan-nom ta' George Farrugia Ltd. Jirriżulta li sussegwentement saru għadd ta' verifiki ulterjuri min-naħa tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mal-kumpannija George Farrugia Ltd, fejn ġie stabbilit li r-rikorrenti kienet ilha taħdem bħala *reliever* ma' din il-kumpannija mill-2014, u din kienet taqla' madwar €800 fix-xahar għax-xogħol li kienet tagħmel. Ir-rapport jikkonkludi billi jgħid li għalhekk ġie stabbilit li l-allegazzjoni li saret fil-konfront tar-rikorrenti ġiet ġustifikata, u għalhekk saret rakkomandazzjoni biex l-intitolamenti tar-rikorrenti jiġu riveduti għaliex kien instab li hija kienet qiegħda taħdem.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2020, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Li permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-11 ta' Ottubru, 2019, l-appellanta ġiet informata mid-Dipartiment li kien jirriżultalu li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' EUR 31,809.20 fl-Għajnuna Soċjali (SUP) għall-perijodu 06.09.14 sa 18.10.19 stante li kont impjegata u li dan il-ħlas żejjed kien ser jiġi mnaqqas bir-rata ta' 30%*

*mill-għajnuna supplimentari (SUP), jew xi benefiċċji oħra li hija tista' tirċievi mid-Dipartiment.*

*Illi l-appellanta ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u ntavolat appell mill-istess.*

*Illi l-ilment prinċipali tal-appellanta jiċċentra fuq il-punt li tqis l-azzjoni tad-Dipartiment bħala waħda inġusta fis-sens li hija għandha tibqa' tibbenefika mill-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali (SUP) u ma għandhiex tiġi kostretta tirrifondi l-ebda ammont minnha allegatament riċevut żejjed stante li huwa dovut peress li ma kienet fl-ebda impjieg.*

*Fir-risposta tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2019 l-appellanta laqgħet kontra d-deċiżjoni tad-Direttur billi ressqet it-teżi li d-deċiżjoni tiegħu kienet ippernjata fuq rapport falz tant illi meta saret spezzjoni għalarrieda hija kienet fil-fond residenza tagħha u għalhekk tali deċiżjoni kienet ibbażata fuq allegazzjoni, u kwindi, ibbażata fuq konġetturi u suppożizzjonijiet.*

*Xhieda prodotta*

*Fix-xhieda tagħha, Caroline Muscat, Spettur mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, ppreżentat rapport u kkonfermat il-kontenut tiegħu bil-ġurament tagħha.*

*Ix-xhud, fid-depożizzjoni tagħha tgħid li hija għamlet diversi telefonati f'postijiet indikati lilha li fihom l-appellanta kienet tinsab f'impjieg però kollha nnegaw.*

*Tgħid li kien stabbiliment wieħed, li permezz ta' email u telefonata, irriżulta li l-appellanta kienet fl-impjieg ta' ċertu George Farrugia Ltd.*

*Ix-xhud kompliet tgħid ukoll li meta għamlu żjara fid-dar residenza tal-appellanta huma sabuha hemm u meta ffaċċjawha bl-allegazzjoni li kienet tinsab f'impjieg hija ċaħdet u negat u dan anke wara li ġiet tikkonferma l-istess bil-ġurament tagħha. Qalet ukoll li minn dik l-ispezzjoni ma rriżultalhom xejn irregolari.*

*Illi għas-seduta tal-ewwel ta' Ottubru, 2020 li kienet imħollija għall-provi tal-appellanta, l-appellanta ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u għażlet li ma tixhidx.*

***Trattazzjoni***

*Ir-rappreżentant tad-Direttur appellat irrimetta ruħu għall-provi prodotti.*

*Ir-rappreżentant legali tal-appellanta trattat il-każ fejn bażikament issolleva żewġ punti prinċipali u ċioe:*

*a. Illi l-appellanta, meta ġiet avviċinata fid-dar residenza tagħha u mitluba tikkonferma jekk kinitx f'impjieg jew le u oltre mitluba tikkonferma l-istess bil-*

*ġurament tagħha, hija ma ġietx informata bid-dritt tagħha li tkun assistita u bid-dritt tagħha li ma tirrispondi għall-ebda mistoqsija li tista' ssirilha jekk taħseb li tista' tbati xi preġudizzju għal liema raġuni hemm ksur tad-drittijiet tagħha emanenti mid-Direttiva Ewropea;*

b. *Illi d-Direttur ma ressaq lil ħadd sabiex jikkonferma bil-ġurament tiegħu dak li għamlet referenza għalih Caroline Muscat, Spettur mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji b'dan ukoll illi l-appellanta ġiet negata mid-dritt tagħha li tissottometti dawn il-mistoqsijiet utili in kontroeżami għal liema raġuni x-xhieda tal-istess Caroline Muscat, Spettur mad-Direttorat għall-osservanza ta' Benefiċċji hija inammissibbli.*

***Kontro-Replika tad-Direttur għall-Għajnuna Soċjali***

a. *Illi ma kienx hemm in-neċessità da parti ta' Caroline Muscat, Spettur mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, li tagħti xi avviż lill-appellanta stante li kif ġie affermat ġudizzjarjament dan id-dritt ma hux applikabbli f'tali każijiet u di più d-Dipartiment ma għandux il-fondi;*

***Kontro-Replika tal-appellanta***

a. *Illi għad li l-abbli difensur tad-Dipartiment tagħmel referenza għall-każistika, ma għamlet l-ebda referenza speċifika;*
b. *Li dan hu dritt illum inserit fil-Kostituzzjoni tagħna u għalhekk huwa dritt ta' kull ċittadin;*
c. *Email li ssir referenza għaliha ma ġietx ġuramentata u għalhekk ma hix prova.*

***Ikkunsidra:***

*Illi minn imkien ma jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Caroline Muscat, Spettur mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, illi, meta hija aċċediet fid-dar ta' residenza tal-appellanta, hija, jew xi kollega oħra li seta' kellha magħha, amministrat id-dritt tas-silenzju jew id-dritt ta' asisstenza legali lill-appellanta u dan nonostante l-fatt li hija tikkonferma li talbitha tikkonferma bil-ġurament tagħha li ma kinitx f'xi impjieg.*

*Illi f'tali ċirkostanza, fejn l-appellanta qiegħda tiġi sottomessa, jekk jiġi pruvat il-każ, għal sitwazzjoni fejn ser tkun penalizzata fis-sens li ma hix ser tibqa' tirċievi l-għajnuna soċjali u trid tirrifondi dak kollu li hija setgħet irċeviet mid-Dipartiment.*

***Decide***

*Illi kwantu jirrigwarda dak sottomess mid-difiża, u ċioe li l-fatt li l-appellanta ma ġietx mogħtija d-dritt tas-silenzju u dak tal-assistenza, l-Arbitru jilqa' din is-sottomissjoni stante li dan in-nuqqas imur kontra d-drittijiet tal-individwu kif sanċiti mill-Kostituzzjoni tagħha u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan aktar u aktar meta l-appellanta ġiet sottomessa tikkonferma bil-ġurament tagħha jekk kinitx f'impjieg jew le. Azzjoni li setgħet faċilment tesponiha għall-implikazzjonijiet ta' natura kriminali u dan kif stabbilit fil-kawża fl-ismijiet* ***Frank Sammut vs L-Onorevoli Speak tal-Kamra tad-Deputati Dr Angelo Farrugia; iċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi; ilkoll fil-kwalità tagħhom premessa u in rappreżentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u tal-istess Kumitat Rispettivament*** *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tas-26 ta' Jannar, 2018.*

*Illi l-Arbitru jsib ġustifikata wkoll id-difiża sollevata mill-appellanta kwantu jirrigwarda n-nuqqas ta' konferma ta' dak preżentat u sottomess minn Caroline Muscat, Spettur mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji. Id-Direttur, naqas milli jara li dak kollu li qed jallega li ġie fornut lilu minn terzi jiġi konfermat mill-istess terz li qed jallegah. Tali konferma hija ta' importanza massima stante illi kienet tkun l-opportunità li tiġi verifikata l-veraċità tagħha u tagħti kull opportunità lill-appellanta sabiex tirribadixxi l-istess.*

*Illi għalhekk dan in-nuqqas totalment jinnewtralizza kull prova mressqa mid-Direttur appellat.*

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt li jagħmel riferenza għas-suespost u għat-talbiet tal-appellanta kif dedotti, jiddisponi minn dan l-appell billi:*

*i. Ma jikkondividix il-konklużjoni raġġunta mid-Direttur għal Għajnuna Soċjali u ċioe li l-appellanta kienet f'xi impjieg bi qligħ għall-perijodu 06.09.14 sa 18.10.19;*

*ii. Jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur tal-11 ta' Ottubru, 2019;*

*iii. Jilqa' l-appell tal-appellanta kif dedott."*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fil-25 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tal-15 ta' Ottubru, 2020 u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tal-11 ta' Ottubru, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi li kellu quddiemu, kif ukoll naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett. L-appellant spjega li investigazzjoni dwar l-appellata skattat wara li huwa rċieva informazzjoni anonima li hija kellha impjieg imma kienet tibbenefika minn benefiċċji soċjali. L-appellant spjega li huwa jifhem li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi hekk kif għamlu fl-ewwel lok, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, u fit-tieni lok, l-Arbitru. Qal li minkejja dan, jista' jkun hemm motivi gravi li minħabba fihom qorti fi grad ta' appell għandha tindaħal minħabba l-mod kif tkun intużat id-diskrezzjoni mit-tribunal jew mill-qorti tal-ewwel istanza. L-appellant qal li huwa ressaq l-appell tiegħu għaliex il-ġudizzju tal-Arbitru kien inkomplet u errat, u għad li mill-provi rriżulta li r-rikorrenti għandha impjieg, l-Arbitru għażel li jiskarta l-provi prodotti u minflok ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellata ma ġietx mogħtija d-dritt tas-silenzju u dak tal-assistenza legali, liema nuqqasijiet imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-individwu. L-Arbitru qal ukoll li l-appellant naqas li jiżgura li dak kollu allegat fil-konfront tal-appellata jiġi kkonfermat mit-terzi li għamlu l-allegazzjoni.

7. L-appellant qal li mill-provi jirriżulta li waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru, 2020 quddiem l-Arbitru, ittellgħet tixhed Caroline Muscat, li kienet għamlet l-investigazzjoni u ħejjiet rapport, u li kkonfermat ir-rapport tagħha

bil-ġurament. F'dik is-seduta, Muscat ġiet suġġetta għall-kontroeżami mill-avukat difensur tal-appellata. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu mill-provi rriżulta bl-aktar mod ċar li Justine Muscat kienet f'impjieg li minnu kellha introjtu, anki jekk kien wieħed negliġibbli ta' madwar €800 fix-xahar. Qal li ladarba huwa kellu l-prova permezz ta' *email,* li l-appellata kienet impjegata, bid-dettalji tal-prinċipal tagħha, huwa ma kellu għalfejn iressaq l-ebda prova oħra u għalhekk għalaq il-provi tiegħu.

8. L-appellant qal li għal xi raġuni l-Arbitru għażel li jiskredita r-rapport investigattiv tad-Dipartiment mingħajr ma ta raġuni valida. Kompla jgħid li minkejja li l-Arbitru kellu jasal għad-deċiżjoni tiegħu fuq bilanċ ta' provi, dan ma kellux isir billi jiġi injorat ir-rapport investigattiv imħejji minn uffiċjali tad-Dipartiment. L-appellant qal li huwa ben risaput li l-oneru tal-prova fil-każijiet dwar għajnuna u benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali, huwa fuq il-benefiċjarju, u għalhekk kienet l-appellata li kellha ġġib prova kuntrarja għal dak li ġie stabbilit fir-rapport investigattiv tad-Dipartiment. L-appellant qal li minflok, l-appellata għażlet li ma tagħtix il-verżjoni tal-fatti bil-ġurament tagħha, u ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-appell tagħha, u dan il-fatt waħdu kellu jwassal lill-Arbitru biex jislet l-inferenzi neċessarji sabiex jasal għall-konvinċiment morali li l-kontestazzjoni tal-appellata ma kellhiex mis-sewwa.

9. L-appellant qal li l-appellata naqset milli tirribati jew b'xi mod tiskredita l-prova tar-rapport investigattiv permezz ta' provi jew xhieda oħra, u għalhekk ladarba x-xhieda ta' Caroline Muscat ma ġietx kontradetta, din għandha tittieħed bħala fattwali. Qal li għalhekk ir-rapport investigattiv waħdu kellu jkun biżżejjed biex iwassal lill-Arbitru jiċħad l-appell tal-appellata. L-appellant

għamel riferiment għall-fatt li l-Arbitru, apparti li skarta għalkollox ir-rapport investigattiv, qal ukoll li l-appellata ma ġietx infurmata bid-drittijiet tagħha għas-silenzju u għall-għajnuna legali, bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellant qal li r-rwol ta' Arbitru taħt il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sabiex jiġu deċiżi appelli dwar kwistjonijiet relatati mal-Kap. 318, u għalhekk l-Arbitru la għandu dritt jittratta kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali u lanqas li jirreferihom lil xi qorti oħra. F'dan il-każ, l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet li ssir referenza kostituzzjonali *ai termini* tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema referenza ma setgħet qatt issir mill-Arbitru. L-appellant żied jgħid li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jittratta materji ċivili u materji penali, u d-dritt għas-silenzju u għall-assistenza legali waqt interrogazzjoni, huma jeddijiet mogħtija lill-individwu li jkun qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija Eżekuttiva fi proċeduri kriminali, u mhux lil min ikun qiegħed jiġi investigat mill-Ispetturi fi ħdan id-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji. Qal li f'dan il-każ, dak li kellu jieħu konsiderazzjoni tiegħu l-Arbitru kien ir-rwol tal-Ispetturi taħt il-Kap. 318, li huma regolati b'dak li tipprovdi din l-liġi. Qal ukoll li l-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom spiss jenfasizzaw l-importanza li l-benefiċjarju jikkopera mal-Ispettorat waqt l-investigazzjonijiet tiegħu, u fin-nuqqas, il-benefiċjarju jkun qiegħed jikser l-obbligu tiegħu li jipprovdi lid-Dipartiment bl-informazzjoni kollha *ai termini* tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318. L-appellant qal li fil-każ odjern, l-Ispetturi mibgħuta minnu kienu qegħdin iwettqu dmirijiethom skont il-liġi, introduċew ruħhom, ma użaw l-ebda forza u spjegaw ukoll ir-raġunijiet għalfejn kienet qiegħda ssir din l-investigazzjoni. Qal ukoll li kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-Arbitru fid-

deċiżjoni tiegħu, f'dan il-każ ma jistax jintqal li l-appellata ġiet imġiegħla, mhedda jew imbeżża' biex tagħmel dikjarazzjoni ġuramentata li hija ma kinitx tinsab f'impjieg. Dak li għamel l-Ispettorat kien biss stedina lill-appellata sabiex din tikkonferma bil-ġurament dak li kienet qalet lill-Ispetturi, li hija ma taħdimx. L-appellata kellha l-għażla li ma tagħmilx dikjarazzjoni bħal din. L-appellant irrileva li l-appellata ma ntalbitx tagħmel din id-dikjarazzjoni dakinhar stess li saritilha l-ispezzjoni u tali dikjarazzjoni ġuramentata saret ħamest ijiem wara, jiġifieri l-appellata kellha biżżejjed żmien sabiex taħseb u tirrifletti dwar id-dikjarazzjoni tagħha. Intqal ukoll li l-appellata kellha l-libertà kollha li tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha dwar il-kwistjoni.

10. L-appellant qal li lanqas l-ispezzjoni li saret fir-residenza tal-appellata ma jista' jintqal li b'xi mod illediet il-jeddijiet tagħha. Qal li waqt din l-ispezzjoni ma nstab xejn li jista' jitfa' dawl fuq l-allegazzjoni li l-appellata kienet f'impjieg u lanqas ma ntalbet tagħmel xi dikjarazzjoni li b'xi mod setgħet tinkriminaha waqt l-ispezzjoni li saret. Min-naħa tiegħu l-appellant qal li hu, flimkien mal-Ispettorat, mexa skont il-liġi, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet korretta. Qal li l-artikolu 30 tal-Kap. 318 jirregola l-Għajnuna Soċjali, u dan l-artikolu tal-liġi jrid jiġi allaċjat mat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-istess Kap. 318, sabiex b'hekk ikun jista' jsir it-test tal-mezzi u jiġi stabbilit jekk persuna tkunx eliġibbli għall-għajnuna jew le. Qal li ladarba ġie stabbilit li l-appellata kellha dħul mhux iddikjarat fil-perijodu li hija kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali, huwa kellu l-obbligu li jwaqqaf l-għajnuna li kienet tirċievi l-appellata. L-appellant għamel riferiment għal sentenzi tal-Qrati tagħna li jgħidu li l-prinċipju bażilari fl-għoti ta' Għajnuna Soċjali huwa li din l-għajnuna tingħata lil min verament

għandu bżonnha, u li din l-għajnuna tibqa' tingħata biss sakemm il-benefiċjarju jibqa' jkollu bżonnha. L-appellant qal li fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi u japplika l-artikoli tal-liġi rilevanti dwar il-ħatra u d-dmirijiet tal-Ispettorat u dwar l-intitolament għall-Għajnuna Soċjali. Qal ukoll li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u l-ġustizzja skont l-obbligi imposti fuqu bl-istess liġi, senjatament l-artikolu 108(9) tal-Kap. 318.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u l-appellant naqas milli jipprova l-każ tiegħu kif inhu rikjest fil-kamp ċivili, naqas milli jressaq provi suffiċjenti kontra l-appellata, u l-provi li ressaq huma bbażati fuq id-*detto del detto,* liema xhieda mhijiex meqjusa li hija ammissibbli, stante li s-sors primarju tagħha ma tressaqx sabiex jixhed fil-proċeduri kontriha. L-appellata qalet ukoll li prinċipju ieħor fil-liġi tal-proċedura tagħna huwa dak li min jallega jrid jipprova, u għalhekk kien jinkombi fuq id-Direttur Ġenerali appellant li jġib l-aħjar prova sabiex jipprova l-każ tiegħu. L-appellata qalet li minflok, l-appellant tella' żewġ spetturi jixhdu dwar dak li qalilhom ħaddieħor u mhux dwar dak li huma kkonstataw mill-investigazzjoni tagħhom. Qalet li l-investigazzjonijiet tal-ispetturi skattaw fuq rapport ta' terzi anonimi, u meta saret spezzjoni għal għarrieda fid-dar tagħha, hija nstabet li kienet qiegħda fir-residenza tagħha. L-appellata qalet li min-naħa tagħha hija dejjem qalet li ma kinitx taħdem u

saħansitra kkonfermat dan bil-ġurament. Qalet li l-eżerċizzju tal-investigazzjoni u l-ġbir tat-tagħrif kellhom isiru mill-appellant u mhux mill-Arbitru jew mill-appellata nnifisha, u għalhekk l-appellant ma jistax f'dan l-istadju jgħid li l-ġudizzju kien inkomplet jew errat, stante li jirriżulta li l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' kull prova prodotta. L-appellata żiedet tgħid li l-appellant ma ressaq lil ħadd sabiex jikkonferma bil-ġurament dak li għamlet riferiment għalih Caroline Muscat fix-xhieda tagħha, liema xhieda tammonta għal *detto del detto.* L-appellata qalet li lanqas l-*email* li għamlet riferiment għaliha l-istess Muscat, ma ġiet ikkonfermata bil-ġurament kif tirrikjedi l-liġi.

12. L-appellata qalet li anki t-tieni aggravju tal-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex hija tgawdi d-drittijiet fundamentali kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tali drittijiet japplikaw għal kull persuna speċjalment meta l-azzjoni tista' faċilment tesponi lill-individwu għal implikazzjonijiet ta' xejra kriminali. L-appellata qalet li d-Direttur Ġenerali appellant għandu l-obbligu li jimxi mal-liġi amministrattiva, li titlob mid-dipartimenti tal-Gvern l-ogħla livell ta' konformità mad-drittijiet fundamentali tal-individwu, u fakkret li hija hi l-parti vulnerabbli fil-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur Ġenerali appellant, wara li kkonsidrat dak li kellha xi tgħid l-appellata fir-risposta tagħha, u dak li ddeċieda l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti

tirrileva, li minkejja li bħala qorti ta' reviżjoni hija mhijiex mistennija li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi li nstemgħu fl-ewwel istanza u m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament ta' dawn il-provi leġġerment, madanakollu għaliex huwa importanti li l-ġustizzja mhux biss issir, imma li tidher li qed issir, meta jinġiebu quddiemha kwistjonijiet ta' din ix-xorta, l-Qorti tevalwa l-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jew Tribunal u tiffamiljarizza ruħha tajjeb ħafna mal-provi miġjuba fil-kawża. F'dan il-każ, l-appellant kien informa lill-appellata bid-deċiżjoni tiegħu li hija ma kinitx għadha eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi, għaliex minn investigazzjoni li għamel, irriżulta li l-appellata kellha impjieg bi qligħ.

14. L-appellant beda l-investigazzjoni tiegħu wara li kien rċieva informazzjoni permezz ta' telefonata anonima li l-appellata kienet qiegħda taħdem bi qligħ, u hija naqset milli tinforma b'dan lill-appellant meta applikat għall-Għajnuna soċjali. L-appellant, kif kien obbligat, għamel investigazzjoni dwar l-appellata, u minkejja li l-ispezzjonijiet li saru f'għadd ta' *supermarkets* u fir-residenza tal-appellata ma ħallew l-ebda eżitu, xi jiem wara, diriġenta ta' *supermarket* partikolari infurmat lill-appellant li l-appellata kienet qiegħda taħdem bħala *shelf stacker* mal-kumpannija George Farrugia Limited. Minn indaġini ulterjuri li għamel l-appellant, din l-informazzjoni ġiet verifikata, għalkemm il-persuna li tkellmet mal-appellant infurmatu wkoll li l-appellata hija qariba tagħha, u li l-appellata kienet qed taqla' paga ta' madwar €800 fix-xahar peress li taħdem bħala *reliever.* L-appellant iddeċieda li l-appellata ma kinitx għadha eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, u hekk kif ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-appellant, l-appellata ressqet appell quddiem l-Arbitru sabiex id-

deċiżjoni appellata tiġi kkonsidrata mill-ġdid. L-Arbitru ddeċieda li l-appell imressaq mir-rikorrenti quddiem l-Arbitru għandu jiġi milqugħ, għaliex meta saret l-ispezzjoni fir-residenza tar-rikorrenti, hija ma ġietx infurmata bid-dritt tagħha tas-silenzju, li ma tweġibx, u bid-dritt tagħha li jkollha assistenza legali, u minkejja dan l-Ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali talbuha tikkonferma bil-ġurament li hija ma kellhiex impjieg bi qligħ. L-Arbitru qal li dan jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellata kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-Arbitru rrileva wkoll li l-appellant ma ressaqx bħala xhieda lit-terzi li għamlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellata, u għalhekk laqa' l-appell tal-appellata u rrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant.

*L-Ewwel Aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-provi]*

15. L-appellant qal li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi meta skarta l-provi prodotti minnu, partikolarment ir-rapport investigattiv li sar mill-uffiċjali tad-Dipartiment, u minflok ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellata ma ngħatatx id-dritt tas-silenzju u tal-assistenza legali. L-appellant spjega li anki jekk it-terzi li għamlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellata ma tressqux sabiex jixhdu, f'dan il-każ kien hemm biżżejjed dettalji dwar l-impjieg, dwar ix-xogħol li kienet tagħmel l-appellata, u s-salarju li kienet qiegħda tirċievi, sabiex huwa seta' jikkonkludi li hija ma kinitx għadha intitolata għall-Għajnuna Soċjali, għaliex ġie ppruvat li fil-fatt hija kellha impjieg bi qligħ.

16. Il-Qorti qieset li r-rwol tal-Arbitru fi proċeduri bħal dawk istitwiti mill-appellata, huwa li jiddeċiedi dwar il-każ li jkollu quddiemu abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318. F'każ li xi individwu jidhirlu li l-mod kif jitmexxew dawk il-proċeduri jew l-investigazzjoni li ssir mill-Ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu, hemm fora appositi li quddiemhom jistgħu jitressqu dawn il-lanjanzi. Ċertament li mhux kompitu tal-Arbitru li jidħol f'materji bħal dawn. Minkejja li mill-investigazzjonijiet li saru mill-Ispetturi tad-Dipartiment, ġie kkonfermat li l-appellata kellha impjieg bi qligħ, kif ukoll dettalji oħra bħall-introjtu fix-xahar tal-appellata, il-fatt li din hija *reliever* u għalhekk taħdem fuq bażi każwali, in-natura tax-xogħol li hija tagħmel u l-isem tal-prinċipal, l-Arbitru għażel li jinjora dawn il-provi li kellu quddiemu, u minflok ikkonsidra li l-appellata ma ġietx infurmata bid-dritt tas-silenzju u bid-dritt li tkun assistita minn avukat. Tirrileva li semmai dawk huma sottomissjonijiet li għandhom jitressqu quddiem il-forum kompetenti, u mhux quddiem l-Arbitru. Ir-rwol tal-Arbitru huwa biss li jeżmina jekk id-Direttur Ġenerali appellant mexiex mad-dettam tal-liġi meta ddeċieda li l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi l-appellata, kellha tieqaf ladarba ġie stabbilit li hija kellha impjieg bi qligħ. Il-Qorti tgħid li m'hemm xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, li għandu l-obbligu li jassigura li l-Għajnuna Soċjali tingħata lil min verament għandu bżonnha, u li jwaqqaf din l-għajnuna fejn isib li l-benefiċjarju jkollu dħul mhux dikjarat. F'dan il-każ jirriżulta wkoll li l-appellata, li kellha l-obbligu li tressaq il-provi tagħha sabiex twaqqa' l-konklużjonijiet milħuqa mill-appellant, naqset li tressaq provi materjali sabiex tissostanzja l-appell tagħha. L-oneru tal-prova f'każijiet bħal dawn jiġi ribaltat u għalhekk kien jaqa' fuq l-appellata bħala l-benefiċjarju li

kellha tipprova li hija għadha eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, liema prova l-appellata ma ġabitx. Għalhekk tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett]*

17. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju, jgħoddu wkoll b'mod sħiħ fir-rigward tat-tieni aggravju mressaq mill-appellant. L-Arbitru kellu jiddeċiedi l-appell imressaq quddiemu mill-appellata abbażi tal-provi miġjuba mill-partijiet. L-oneru tal-prova li l-appellata kien jistħoqqilha tassew li tibqa' tirċievi l-Għajnuna Soċjali kien jinkombi fuqha. Minflok spjegat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija għadha eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, l-appellata użat l-appell tagħha biex tindirizza l-fatt li hija ma ġietx infurmata bid-dritt tas-silenzju u bid-dritt li tkun assistita minn avukat. Il-Qorti għal darb'oħra ttenni li dawn huma lanjanzi li jridu jinġiebu quddiem il-Qorti kompetenti u mhux quddiem l-Arbitru, u dawn l-allegazzjonijiet ma jneħħu xejn mill-obbligu tal-appellata li ġġib il-provi kollha in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha. Minn dan kollu l-appellata m'għamlet xejn. Jirriżulta għalhekk li d-deċiżjoni tal-appellant, li wara li investiga sab li l-appellata kellha impjieg bi qligħ, kienet deċiżjoni li ttieħdet b'rispett sħiħ għal dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali appellant fil-11 ta' Ottubru, 2019, filwaqt li tirrevoka għalkollox id-deċiżjoni tal-Arbitru. Spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**